MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF ANTONIO MIZZI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 584/2012

Il-Pulizija

(Spettur Angelo Gafa')

vs

**Nicholas Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Nicholas Dimech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'tas- Sliema, fis-7 ta' Settembru, 2009, jew fil-jiem u ix- xhur ta' qabel, fil-kapacita` tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;

Talli fit-22 ta' Awwissu, 2010, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Dicembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 115(a), 119, 95(1), 10, 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

sabet lill-imputat Nicholas Dimech hati biss tal-ewwel (1) akkuza u ikkundannatu ghal sena (1) prigunerija. Il-Qorti mponiet wkoll l-interdizzjoni generali perpetwa u dan skont l-artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll interdizzjoni milli l-imputat jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit.

Rat ir-rikors tal-appellant Nicholas Dimech minnu pprezentat fl-14 ta' Dicembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa l-ewwel aggravju u tannulla s-sentenza appellata u tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skont il-Ligi.

Alternattivament, [u jekk tqis li kien hemm liberatorja mit-tieni imputazjzoni] tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn gie liberat mit-tieni imputazzjoni [presumibilment] thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija fejn gie misjub hati tal-ewwel imputazzjoni u fejn gie kkundannat ghall-sena prigunerija u ghall-interdizzjoni generali perpetwa u minflok tilliberah minn kull htija u piena.

Alternattivament tvarja tirriforma l-istess sentenza billi thassar dik il-parti fejn gie kundannat ghall-piena ta' sena prigunerija u minflom tinfliggi piena katar gusta u ekwa ghall-kaz u tikkonferma l-istess sentenza fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi s-sentenza appellata hija rrita u nulla u dan peress illi din ma' tissodisfax il-vot tal-ligi in kwantu jirrigwarda ir-rekwiziti essenzjali rikjesti. F' dan is-sens l-esponent jispjega illi kif jirrizulta car u manifest jidher illi l-ewwel Qorti naqset milli tiddiposni definittivament dwar it-tieni imputazzjoni u cioe' dik migjuba taht l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In effetti, minn qari tal-istess sentenza jidher illi ghalkemm l-ewwel Qorti kienet tidher intenzjonata li tillibera lill-esponent mill-akkuza mressqa taht l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, imkien fis-sentenza appellata u senjatament imkien fil-parti dispositiva jew tad-decide ma' hemm id-dikjarazzjoni ta' liberazzjoni mill-imsemmija akkuza. Tali ommissjoni tirrendi l-istess sentenza difettuza fit-termini tal-artikoli 377 u 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u bhala tali din ghandha tigi annullata dan fuq skorta ta' gurisprudenza kopjuza f' dan is-sens.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Generoso Sammut [Appell Kriminali 80/2004]** datata 13 ta' Ottubru, 2004, din l-Onorabbli Qorti pprvodiet dwar sitwazzjoni analoga ghal dik odjerna [izda fejn in-nullita giet sollevata *ex officio* mill-Qorti stess] hekk kif gej:

"*Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:*

***"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".***

*Minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta li hija ddikjarat lill-appellant hati tat-"tieni" imputazzjoni biss filwaqt li lliberatu mill-"ewwel" imputazzjoni u minn dik ("ir-raba'") li sar recidiv. Dwar it-"tielet" imputazzjoni baqghet siekta: la ddikjarat il-htija dwar dik l-imputazzjoni u lanqas ma lliberat lill-appellant minnha. Huwa veru li l-ewwel Qorti rriferiet biss ghall-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 bhala l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li dwaru kienet qed issib il-htija. Izda b'daqshekk l-appellant ma jistax jassumi li gie lliberat mit-tielet imputazzjoni galadarba l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li kienet qed tilliberah minnha wkoll. Jekk kienet qed issib il-htija anke dwar din l-imputazzjoni naturalment kellha tirreferi ghall-artikolu tal-ligi relattiv.*

*Jekk mill-banda l-ohra kellha l-intenzjoni li tillibera lill- appellant (allura imputat) minn dik l-imputazzjoni, kellha tghid hekk fis-sentenza taghha*[1]*.*

*F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ssib li s-sentenza appellata hi difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali u ghalhekk jirrendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara ex officio s-sentenza ta' l-ewwel Qorti...*"

---

[1] *Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:* ***"Meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna lill-imputat."***

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost din l-Onorabbli Qorti ghandha neccessarjament tannulla s-sentenza appellata ghaliex difettuza *ab ommissa decisione* u sabiex ma' tipprivax lill-partijiet mid-dritt ta' *doppio esame*, ghandha tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skond il-Ligi.

2. Illi l-ewwel Qorti ghamlet inerpretazjzoni skoretta jew inkompleta tal-ipotezi tal-Ligi meta sabet htija fil-konfront tal-esponent dwar l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik ta' korruzzjoni u dan peress illi l-istess Qorti naqset sabet htija dwar din l-imputazjzoni meta numru ta' elementi essenzjali ta' dan ir-reat ma' rrizultawx mill-provi akkwiziti u dan anki jekk ghall-mument biss wiehed jikkunsidra bhala veritiera x-xhieda tax' xhud principali u ewlieni tal-prosekuzzjoni u cioe' Stephen Buhagiar.

In effetti kieku kellu wiehed jistrieh fuq id-deposizzjoni tax-xhud suriferit u jaccetta l-istess bhala l-verita, jirrizulta illi dan il-kaz ma' kienx wiehed ta' korruzzjoni izda wiehed ta' reat totalment distint u separat u cioe' dak tal-konkussjoni jew ahjar ir-reat ta' meta ufficjal pubbliku jesigi flus kontra l-ligi kif dispost fl-Artikolu 112 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jidher car illi l-ewwel Qorti naqset manifestament milli tikkunsudra element essenzjali tar-reat ta' korruzzjoni u cioe' n-natura bilaterali ta' l-istess reat li timplika neccessrajament l-attivita pozittiva ta' persuna ohra sabiex jissusti r-reat, irrid ikun hemm kemm il-persuna tal-korrott [l-ufficjal pubbliku, kif ukoll dik tal-korruttur u cioe' tal-persuna li toffri jew li tacetta li taghti xi rigal jew flus jew wedgha ta' rigal jew utli iehor sabiex tikseb beneficcju ghalija jew ghal persuna ohra bl-intervernt tal-ufficjal pubbliku li jkun gie korrott.

Dan kollu jimplika illi l-korruttur irrid ikun involut xjenetment u konsenswalment fl-azzjonijiet li jikostitwixxu r-reat ta' korruzzjoni nkella jekk dan ma' jkunx il-kaz u izda jirrizulta illi ikun l-ufficjal pubbliku li ressaq talba ghall-hlas illecitu lill-persuna [sabiex jaghmel xi haga fl-ambitu tal-kariga tieghu] liema persuna pero ma' tikkondividix u ma' taqbilx illi taghmel dan , allura f' tali sitwazzjoni ikun l-ufficjal pubbliku biss illi kkometta azzjoni kriminali billi dan ikun ittenta jikkometta jew ikkometta nfrazzjoni kontra l-ligi kif mahsuba fl-artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi issa meta jigu evalwati l-provi kollha u b'mod partikolari d-deposizjzonijiet ta' Stephen Buhagiar u it-tieni stqarrija rilaxxjata mill-esponent [li l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet qedha taccetta u tqis bhala dik veritiera], l-istampa li tikkristalizza ruhha hija preciz dik ta' uffcjal pubbliku, u cioe' s-Sindku ta' local illi taht il-libsa tal-kariga tieghu kien talab hlas li l-Ligi ma' tippermettix. Min imkien ma' jirrizulta illi Buhagiar qatt talab xi vantagg u li qatt ippropona hu jew accetta wara li gie lilu propost li jhallas jew jaghti xi rigal. L-azzjonijiet inkriminanti kienu unilaterali skont dawn il-provi u per tant ma' jistghux jikkostitwixxu r-reat ta' korruzzjoni kif gja nghad.

Fit-*Trattato di Diritto Penale Italiano [Quinta edizione – Professori P. Nuvolune e G. D. Pisapia] Vol.V, Capo III* jinghad:

*"Il criterio distintivo tra la corruzione passiva e la concussione si trae principalmente dall' oggetto giuridico di codesti delitti, e dal carattere di reato bilaterale che ha la corruzione, mentre la concussion ha natura unilaterale.*

*Infatti col reprimere la concussione si vuole impedire che i pubblici ufficiali abusino del loro ufficio pre trarre illeciti profitti, estorcendo o carpendo cio' che loro non e' dovuto. E' quindi l-avida procacita del funzionario che si colpisce; e' la sua iniziattiva nell' estorcere o nel carpire l' indebito, che viene punita.* ***Colui che da' o promnette e' una vittima del pubblico ufficiale: e' sempre soggetto passivo del reato.***

*Nella corruzione* ***invece, cio' che viene in considerazione e' l' illecito rapporto consensuale tra il pubblico ufficiale e l' estraneo interessato: il primo cede, sfrutando ingordamente l' ufficio o tradendolo per venalita', alle accaparanti iniziative altrui****. Egli acetta ignominiosamente o perfidamente* ***ma' non aggredisce ne richiede.***

*……Nella concussione il funzionario* **CHIEDE**, *nella corruzione invece* ***ACCETTA."***

Illi ghalhekk abbracjat dan l-insenjament, jidher car u manifest illi fil-kaz in ezami irrizultaw element ta' reat iehor u mhux dak ta' korruzzjoni u per tant l-ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata, bl-akbar rispett, meta sabet htija ta' tali imputazzjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-ewwel Qorti ghamlet apprezament skorett u irragonevolli tal-provi migjuba quddiemha b'tali mod illi konsegwenzjalment is-sejbien ta' htija tal-esponent dwar l-ewwel imputazzjoni jikkostitwixxi '*miscarriage of justice'* ghaliex kienet wahda *'unsafe and unsatisfactory'*

F' dan il-kuntest l-esponent jispjega li l-ewwel qorti evidentement inklinat ruhha wisq lejn in-naha tal-prosekuzzjoni sal-punt illi jidher car li certu sottomissjonijiet sollevati mid-difiza lanqas biss ma' gew ikkunsidrati jekk mhux addiritura skartati kapricozzament u bla raguni.

Fost dawn insibu l-kumment ta' l-ewwel Qorti illi l-provi tal-prosekuzzjoni [ghaliex dawk biss ikkunsidrat l-ewwel qorti] kienu kkontestati mid-difiza u li l-linja difensjonali tieghu kienet wahda prettament legali. L-esponent jirribatti li dan xejn m' huwa minnu peress illi tabilhaqq kien hemm kontestazzjoni li kienet tmur ben oltre punti tad-dritt. In effetti wahda mill-provi principali li strahet fuqha d-difiza fil-kaz taghha kienet d-deposizzjoni ta' Sandra Camilleri li stqarret illi l-istess Stephen Buhagiar li kien qed jakkuza lill-esponent kien iddikjara illi huwa ried jaghmel vendetta mill-esponent, dikjarazzjoni din li potenzjalment kienet timmina serjament il-veracitata' dak li setgha qal Stephen Buhagiar izda li stranament l-ewwel Qorti ma' hassetx il-htiega li tqis jew tikkunsidra fl-evalwazzjoni tal-provi taghha.

Daqstant jara stramb l-esponent il-fatt li l-ewwel Qorti njorat kompletament linja ta' difiza sollevata fil-kors tat-tratazzjoni orali, liema sottomissjoni kienet tirrifletti t-tieni aggravju migjub f' dan ir-rikors ta' appell u cioe' li jekk irrizulta xi reat dan zgur li ma' kienx dak ta' korruzzjoni izda se mai dak ta' konkussjoni fit-termini tal-artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tali sottomissjoni lanqas biss ma' tissema mkien fis-sentenza appellata, fatt dan li x'aktarx wassal biex l-ewwel Qorti taghmel applikazzjoni jew interpretazzjoni zbaljata tal-ligi kif jinghad hawn aktar 'il fuq fit-tieni aggravju. L-esponent iqis nuqqas bhala dan bhala indikazzjoni li l-ewwel Qorti bdiet taghti piz differenti ghal dak li kien qed jintqal mid-difiza paragunat ma' dak sottomess mill-prosekuzzjoni.

Daqstant sorprendenti kienet id-dikjarazzjoni fis-sentenza appellata li kienet ser taccetta t-tieni stqarrija bhala veritiera. Fl-ewwel lok ghaliex mhux zmentita mid-difiza u fit-tieni lok ghaliex korroborata min Stephen Buhagiar. Bir-rispett kollu l-esponent jghid li in effetti kien l-oppost. Dik l-istqarrija kienet tikkuntrasta sew ma l-ewwel stqarrija tal-imputat li kienet dik li verament huwa kien qed jabbracja, liema stqarija [l-ewwel wahda] kienet tiskredita u timmina ghal kollox il-versjoni ta' Buhagiar. Illi ghalhekk ghal darb'ohra l-esponent jiddikjara illi huwa jhossu ferm aggravat bl-evalwazzjoni tal-provi ta' l-ewwel Qorti u jitlob revizjoni ta' l-istess, liema revizjoni ghandha twassal ghall-liberazzjoni tieghu mill-akkuza migjuba kontra tieghu.

4. Illi finalment u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jilmenta li l-piena erogata mill-ewwel Qorti ghall-pluralita ta' ragunijiet li dwarhom huwa ser jamplifika fil-kors tat-trattazzjoni orali ta' dan l-appell. Zgur pero' li l-piena ta' sena prigunerija effettiva f'kaz bhala dan ma' tistax titqies bhala wahda gusta u li taghmel tajjeb ghal kaz ghaliex tali

sentenza tinjora wisq fatturi li kienu jiggustifikaw applikazzjoni u/jew imposizzjoni ta’ piena alternattiva, fosthom il-fatt illi l-esponent kien incensurat, il-fatt illi l-att tal-korruzzjoni allegata qatt ma’ mmaterjalizza ruhu, il-fatt illi minkejja kollox l-esponent xorta ghamel dak li kien fid-dmir illi jaghmel u mhux l-oppost, il-fatt illi awtorita' nvestigattiva ohra ma’ kienet sabet ebda irregolarita' f’dak li sehh fl-ghoti tat-tender in kwistjoni, il-fatt illi l-istess Qorti fi pluralita ta’ kazijiet analogi ddeklinat milli timponi piena ta’ prigunerija effettiva anki f’kazijiet ferm aktar serji u il-fatt illi n-natura tal-korruzzjoni allegata kienet wahda kwazi trivjali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi b'verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu, 2014 il-partijiet qablu li f'dan l-istadju l-appell ghandu jigi limitat biss ghal fatt jekk is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hiex wahda null jew le.

Illi l-aggravju ta' l-appellant f'dan ir-rigward idur mal-fatt li l-appellant kellu jirrispondi ghal zewg akkuzi. L-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha kkundannatu fuq l-ewwel akkuza u tat x'tifhem li kienet ser tilliberah mit-tieni akkuza. Sa hemmhekk kollox sew, izda l-problema jinqala li meta fl-ahhar paragrafu tas-sentenza taghha - id-decide, l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant fuq l-ewwel akkuza izda ma qalet xejn dwar it-tieni akkuza. Dan il-fatt, fil-fehma tal-appellant, iggib in-nullita' tas-sentenza. Il-pern ta' kollox idur mal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li hu riportat aktar 'il fuq. Illi fil-fehma tal-appellant dan kollox irid jingabra fl-ahhar paragrafu tas-sentenza, haga li ma saritx f'dan il-kaz.

Illi jekk wiehed jaqra sew is-sentenza appellata ma hemm ebda dubju li l-ewwel Qorti lliberat lill-appellant mit-tieni akkuza migjuba kontra tieghu. Fil-fatt, testwalment is-sentenza, fl-ghaxar faccata tghid:

**"...certament ma jinkwadrax fl-ambitu tal-Artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk ma tistax issib htija fuq din it-tieni akkuza."**

Kieku l-ewwel Qorti waqfet hemm, ghalkemm jista' jinghad li mhiex sentenza kif issoltu jkunu izda mhemmx dubju li l-vot tal-ligi kien ikun sodisfatt.

Illi meta l-ewwel Qorti kkwotat l-artikoli tal-Kodici Kriminali dwar l-ewwel akkuza migjuba kontra l-appellant gie miktub ukoll l-artikolu 95(1) li hu l-artikolu tal-ligi li jirrigwarda t-tieni akkuza. Ghalhekk, tqum il-mistoqsija dwar x'kienet l-intenzjoni reali tal-ewwel Qorti. Jekk hi lliberat lill-appellant mit-tieni akkuza ghaliex ikkwotat l-artikolu rilevanti, u cioe' l-artikolu 95(1), fil-parti fejn qed teroga l-piena lill-appellant. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-fatt ghandu jimmerita li l-ewwel aggravju tal-appellant ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed thassar u tannulla s-sentenza appellata u qed tibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex ikun hemm sentenza dwar kull imputazzjoni u sabiex l-appellant ma jkunx privat mid-dritt tieghu tad-'doppio esame'.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------